SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

10 ta' Novembru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Mandat ta' arrest Ewropew — Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI — Artikolu 8(1)(ċ) — Kunċett ta' 'mandat ta' arrest' — Kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni — Mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ minn servizz ta' pulizija u vvalidat minn prosekutur għall-finijiet ta' azzjonijiet"

Fil-Kawża C-453/16 PPU,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-rechtbank Amsterdam (qorti ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Awwissu 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, fil-proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra

Halil Ibrahim Özçelik,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, E. Juhász, C. Vajda, K. Jürimäe (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Ottubru 2016,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman, H. Stergiou u B. Koopman, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze, M. Hellmann, u J. Möller u R. Riegel, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. M. Tátrai kif ukoll minn G. Koós u Z. Fehér, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Troosters u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, u rettifika ĠU L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest tal-eżekuzzjoni, fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Veszprémi Járásbíróság (qorti tad-distrett ta' Veszprém, l-Ungerija) kontra Halil Ibrahim Özçelik.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 5, 6, 8 u 10 tad-Deċiżjoni Qafas huma fformulati kif ġej:

"(5) L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u li din tiġi sostitwita b'sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' sistema ssimplifikata ġdida ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew suspettati għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' sentenzi kriminali jew biex jiġu sottoposti għal azzjoni kriminali, jagħmilha possibbli li jitneħħew il-komplessità u l-potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' kooperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu sostitwiti b'sistema ta' moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tingħata s-sentenza kif ukoll dawk finali, fi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

[…]

(8) Id-deċiżjonijiet dwar l-esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli suffiċjenti, li jfisser li awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru fejn il-persuna rikjesta ġiet arrestata jkollha tieħu d-deċiżjoni dwar il-konsenja tagħha.

[…]

(10) Il-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' kunfidenza bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni tiegħu jista' jiġi sospiż biss fil-każ ta' ksur serju u persistenti minn wieħed mill-Istati Membri tal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, determinat mill-Kunsill skond l-Artikolu 7(1) tat-Trattat imsemmi bil-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tiegħu."

4 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni Qafas, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit", jipprovdi:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru [Qafas].

[…]"

5 L-Artikoli 3, 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas jistipulaw ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja u fakultattiva tal-mandat ta' arrest Ewropew. L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas jipprevedi l-garanziji li għandhom jingħataw mill-Istat Membru emittenti f'każijiet partikolari.

6 Skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Qafas, intitolat "Determinazzjoni ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti":

"1. L-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru emittenti li hi kompetenti biex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-liġi ta' dak l-Istat.

2. L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni għandha tkun l-awtorità ġudizzjarja ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni li hi kompetenti biex tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew permezz tal-liġi ta' dak l-Istat.

3. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bl-awtorità ġudizzjarja kompetenti taħt il-liġi tiegħu."

7 L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas jirrigwarda l-kontenut u l-forma tal-mandat ta' arrest Ewropew. Skont il-paragrafu 1(ċ) ta' dan l-artikolu:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew għandu jkun jinsab fih l-informazzjoni li ġejja stabbilita skond il-forma li tinsab fl-Anness:

[…]

(ċ) l-indikazzjoni ta' l-eżistenza ta' sentenza esegwibbli, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 u 2".

Id-dritt Olandiż

8 L-Overleveringswet (liġi dwar il-konsenja) tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas fid-dritt Olandiż. L-Artikolu 1 ta' din il-liġi huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi:

[…]

b. 'mandat ta' arrest Ewropew' tfisser id-deċiżjoni bil-miktub ta' awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea bil-għan tal-arrest jew tal-konsenja ta' persuna mill-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru ieħor;

[…]

i) 'awtorità ġudizzjarja emittenti' tfisser l-awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kompetenti bis-saħħa tad-dritt intern sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew;

[…]"

9 L-Artikolu 5 tal-liġi dwar il-konsenja jipprovdi:

"Il-konsenja għandha ssir biss lill-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti ta' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea, b'osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi jew meħuda skont din."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Fil-21 ta' Ġunju 2016, il-Veszprémi Járásbíróság (qorti tad-distrett ta' Veszprém) ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra Halil Ibrahim Özçelik, ċittadin Tork, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontrih għal żewġ reati mwettqa fl-Ungerija u ssanzjonati kriminalment f'dan l-Istat Membru.

11 Ir-rechtbank Amsterdam (qorti ta' Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) ġiet adita b'talba intiża għall-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew. Din il-qorti tirrileva li, fil-punt (b) tal-formola li tinsab fl-anness tad-Deċiżjoni Qafas, li jipprevedi li għandu jiġi indikat il-mandat ta' arrest jew id-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha l-istess effett li fuqu huwa bbażat il-mandat Ewropew, hemm riferiment għall-"mandat ta' arrest Nru 19060/93/2014.bü., maħruġ mid-dipartiment tal-Pulizija ta' Ajka u kkonfermat bid-deċiżjoni tal-prosekutur ta' Ajka tal-14 ta' Ġunju 2016".

12 Permezz ta' talba għal informazzjoni tat-8 ta' Lulju 2016, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-awtoritajiet Ungeriżi dwar ir-rwol tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fl-Ungerija u, b'mod partikolari, dwar l-indipendenza tiegħu fil-konfront tas-setgħa eżekuttiva, kif ukoll dwar l-implikazzjonijiet tal-validazzjoni mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' mandat ta' arrest maħruġ mill-pulizija.

13 Fl-14 ta' Lulju 2016, l-awtoritajiet Ungeriżi pprovdew tweġiba għal din it-talba, li minnha jirriżulta, b'mod partikolari, li l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa indipendenti mis-setgħa eżekuttiva u li huwa għandu r-rwol li jiżgura, matul il-fażi istruttorja kollha, li s-servizzi tal-pulizija josservaw il-liġi u li l-persuna ssuspettata tkun tista' teżerċita d-drittijiet tagħha. Dawn l-awtoritajiet speċifikaw ukoll li, fil-kuntest ta' dan ir-rwol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur jista' jemenda jew jannulla deċiżjoni meħuda mill-pulizija, meta dan jaġixxi bħala awtorità istruttorja u jekk iqis li din id-deċiżjoni ma hijiex konformi mal-liġi jew mas-suġġett tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, l-imsemmija awtoritajiet indikaw li l-prosekutur li jkun ivvalida mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ mill-pulizija jista' jintervjeni matul il-proċedura kriminali kkonċernata, bħala rappreżentant tal-Uffiċċju tal-Prosekutur.

14 Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-qorti tar-rinviju għandha xi dubji fuq il-kwistjoni dwar jekk mandat ta' arrest nazzjonali, maħruġ mill-pulizija u sussegwentement ivvalidat b'deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, jistax jiġi kklassifikat bħala "deċiżjoni ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rechtbank Amsterdam (qorti ta' Amsterdam) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-espressjoni 'deċiżjoni ġudizzjarja' fis-sens tal-Artikolu 8(1)(c) tad-Deċiżjoni [Qafas] tikkostitwixxi kunċett tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu u uniformi?

2) F'każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun [fl-affermattiv], liema hija t-tifsira li għandha tingħata lil dan il-kunċett?

3) Il-validazzjoni, bħal dik fil-kawża preżenti, minn membru tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, ta' mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ preċedentement mill-pulizija, tikkostitwixxi tali 'deċiżjoni ġudizzjarja'?"

Fuq il-proċedura b'urġenza

16 Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

17 Insostenn ta' din it-talba, hija b'mod partikolari tinvoka l-fatt li H. I. Özçelik attwalment jinsab imċaħħad mil-libertà tiegħu, pendenti l-konsenja effettiva tiegħu lill-awtoritajiet Ungeriżi.

18 Għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas, li taqa' fl-oqsma li jinsabu fit-Titolu V tat-tielet parti tat-Trattat FUE, dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Konsegwentement, huwa jista' jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

19 Fit-tieni lok, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna kkonċernata fil-kawża prinċipali hija attwalment imċaħħda mil-libertà u li ż-żamma tagħha f'detenzjoni tiddependi mis-soluzzjoni tal-kawża prinċipali (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Lanigan, C-237/15 PPU, EU:C:2015:474, punt 24). Fil-fatt, il-miżura ta' detenzjoni li H. I. Özçelik huwa s-suġġett tagħha ġiet ordnata, skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra l-persuna interessata.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raba' Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-31 ta' Awwissu 2016, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tilqa' t-talba tal-qorti tar-rinviju intiża sabiex ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jinstema' bil-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Fuq id-domandi preliminari

21 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġi eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas għandux jiġi interpretat fis-sens li validazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, ta' mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ preċedentement għall-finijiet ta' proċeduri kriminali minn servizz tal-pulizija, tikkostitwixxi "deċiżjoni ġudizzjarja", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

22 L-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas jipprevedi li l-mandat ta' arrest Ewropew għandu jinkludi informazzjoni dwar l-eżistenza ta' "sentenza esegwibbli, mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja esegwibbli oħra li jkollhom l-istess effett, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikoli 1 u 2" tad-Deċiżjoni Qafas. Din l-informazzjoni għandha tissemma fil-punt b) tal-formola, annessa mad-Deċiżjoni Qafas, intitolat "Deċiżjoni li fuqha huwa bbażat il-mandat ta' arrest" u li l-punt 1 tiegħu jipprevedi li għandu jiġi indikat il-"[m]andat ta' arrest jew [id-] deċiżjoni ġudizzjarja li jkollh[a] l-istess effett".

23 Għandu jitfakkar li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew stabbilita bid-Deċiżjoni Qafas hija bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li min-naħa tiegħu huwa bbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-fatt li l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali rispettivi tagħhom jinsabu f'pożizzjoni li jipprovdu protezzjoni ekwivalenti u effettiva tad-drittijiet fundamentali, irrikonoxxuti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punti 75 sa 77).

24 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kemm il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri kif ukoll il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandhom, fid-dritt tal-Unjoni, importanza fundamentali peress li jippermettu l-ħolqien u ż-żamma ta' spazju mingħajr fruntieri interni. B'mod iktar speċifiku, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jimponi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ispazju

ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, fuq kull wieħed minn dawn l-Istati sabiex iqis, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li l-Istati Membri l-oħrajn kollha josservaw id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti minn dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 2/13, tat-18 ta' Diċembru 2014, EU:C:2014:2454, punt 191).

25 Fil-qasam irregolat mid-Deċiżjoni Qafas, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas, il-"bażi" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji kriminali, huwa applikat fl-Artikolu 1(2), tad-Deċiżjoni Qafas, li konformement miegħu l-Istati Membri huma bħala prinċipju obbligati li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 79 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 Minn dan isegwi li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi dan il-mandat biss fil-każijiet, elenkati b'mod eżawrjenti, ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorja, previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas, jew ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiva, previsti fl-Artikoli 4 u 4a tad-Deċiżjoni Qafas. Barra minn hekk, l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tista' tkun suġġetta biss għal waħda mill-kundizzjonijiet limitatament previsti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 80 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 Dan ingħad, il-kunċett ta' "mandat ta' arrest", li jissemma fl-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas, jindika biss il-mandat ta' arrest nazzjonali, u dan għandu jinftiehem li jindika deċiżjoni ġudizzjarja distinta mill-mandat ta' arrest Ewropew (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi, C-241/15, EU:C:2016:385, punti 46 u 58).

28 F'dan il-każ, il-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali nħareġ mill-Veszprémi Járásbíróság (qorti tad-distrett ta' Veszprém) u jagħmel riferiment għal mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ mill-pulizija Ungeriża u vvalidat mill-Uffiċċju tal-Prosekutur.

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li d-deċiżjoni tal-Uffiċċju li permezz tagħha l-Prosekutur ivvalida l-mandat ta' arrest nazzjonali maħruġ mis-servizz tal-pulizija kkonċernat tikkostitwixxi l-bażi tal-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

30 F'dan ir-rigward, mill-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-gvern Ungeriż jirriżulta li l-validazzjoni, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, tal-mandat ta' arrest maħruġ minn dan is-servizz ta' pulizija hija att ġuridiku li permezz tiegħu l-Uffiċċju tal-Prosekutur jistħarreġ u jikkonferma dan il-mandat ta' arrest. Wara din il-validazzjoni, li tidher fil-mandat ta' arrest Ewropew, l-Uffiċċju tal-Prosekutur jitqies li huwa responsabbli mill-ħruġ tal-mandat ta' arrest nazzjonali. Minn dan isegwi li, fid-dawl tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas, il-fatt li dan il-mandat ta' arrest nazzjonali jkun inħareġ minn servizz ta' pulizija ma għandux rilevanza, sa fejn il-validazzjoni tiegħu mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tippermetti, bħalma irreleva l-Avukat Ġenerali fil-punt 35 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-Uffiċċju tal-Prosekutur jiġi assimiljat għall-awtur ta' dan il-mandat ta' arrest.

31 Konsegwentement, tqum il-kwistjoni ta' jekk id-deċiżjoni ta' Uffiċċju tal-Prosekutur taqax taħt il-kunċett ta' "deċiżjoni ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas.

32 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punti 33 u 38 tas-sentenza tal-lum, Poltorak, (C-452/16 PPU), li fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas u, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-Artikolu 6(1) tagħha, il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" għandu jitqies li jirreferi għall-awtoritajiet li jagħmlu parti mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri, bl-esklużjoni tas-servizzi ta' pulizija.

33 Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-interpretazzjonijiet li jsiru tad-dispożizzjonijiet differenti tad-Deċiżjoni Qafas, din l-interpretazzjoni tidher, bħala prinċipju, li tista' tiġi trasposta għall-Artikolu 8(1)(ċ) tagħha. Konsegwentement, din l-aħħar dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kunċett ta' "deċiżjoni ġudizzjarja" ikopri d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet li jagħmlu parti mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali tal-Istati Membri, bl-esklużjoni tas-servizzi ta' pulizija.

34 Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, għandu jiġi rrilevat li peress li l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa awtorità li tagħmel parti mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali ta' Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2016, Kossowski, C-486/14, EU:2016:483, punt 39), id-deċiżjoni ta' tali awtorità għandha titqies li hija deċiżjoni ġudizzjarja, fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas.

35 Fl-aħħar nett, din l-interpretazzjoni hija meħtieġa wkoll fid-dawl tal-għanijiet tad-Deċiżjoni Qafas. Din hija intiża, bl-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata u iktar effikaċi ta' konsenja ta' persuni kkundannati jew issuspettati li kisru l-liġi kriminali, sabiex tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja bil-għan li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan mogħti lill-Unjoni li ssir spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja msejsa fuq il-livell għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri (sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 F'dan ir-rigward, mill-indikazzjonijiet ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-gvern Ungeriż jirriżulta li l-validazzjoni tal-mandat ta' arrest nazzjonali mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ċ-ċertezza li l-mandat ta' arrest Ewropew huwa bbażat fuq deċiżjoni li għaddiet minn stħarriġ ġudizzjarju. Tali validazzjoni tiġġustifika, konsegwentement, il-livell għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri, imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza.

37 Minn dan jirriżulta li deċiżjoni ta' Uffiċċju tal-Prosekutur, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, taqa' taħt il-kunċett ta' "deċiżjoni ġudizzjarja", fis-sens tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas.

38 Konsegwentement, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi "deċiżjoni ġudizzjarja", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, validazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, ta' mandat ta' arrest nazzjonali, maħruġ qabel, għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, minn servizz ta' pulizija.

Fuq l-ispejjeż

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li tikkostitwixxi "deċiżjoni ġudizzjarja", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-validazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' mandat ta' arrest nazzjonali, maħruġ qabel għall-finijiet ta' proċeduri kriminali minn servizz ta' pulizija.

Firem